Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 136/11 (JE).

Rose Cassar

vs

Orienta Ltd.

Illum, 12 ta' Jannar 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Rose Cassar tal-25 ta' Frar 2011 fejn stqarret illi kienet xtrat kamra tas-sodda mingħand is-soċjetà intimata li ġiet konsenjata fit-2 ta' Diċembru 2010. L-għada r-rikorrenti llamentat li l-bibien tal-gwardarobba qed jagħlqu fuq xulxin. Rappreżentant tas-soċjetà intimata, ċerta Josette, qaltilha biex tgħabbiha kemm tista' l-gwardarobba sabiex jiġu l-ħaddiema u jissettjawha. Qaltilha ukoll illi l-ħaddiema kienu se jċemplulha qabel ma jiġu imma fil-fatt, marru bla preavviż, għamlulha l-kolla fejn hemm il-minċotti li rabtuhom bil-labar ta' l-inxir. Qalulha biex tħalli l-labar sa l-għada imma hija ħalliethom ġimgħa sħiħa imma meta tneħħew, xorta l-bibien infetħu mill-minċotti. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet il-flus lura li kienet ħallset minħabba d-difetti li kien fiha l-kamra tas-sodda u ċioè € 1993.

Ra r-risposta tas-soċjetà intimata li fiha tat il-verżjoni tagħha tal-avvenimenti li taw lok għal dina l-kawża u li fiha stqarret illi hija kienet lesta illi terġa tibgħat in-nies tagħha biex jirrimedjaw il-lamenteli tal-attriċi u anke lli jbiddlu xi partijiet illi l-attriċi ma kienetx kuntenta bihom iżda ma kienetx lestha illi tbiddel il-kamra tas-sodda biex tieħu waħda ta' kulur differenti għax forsi reġa bdielha.

Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi ma jidhierx illi hemm kontestazzjoni illi l-gwardarobba tal-kamra tas-sodda li xtrat l-attriċi kellha bibien difettużi. Il-kwistjoni kollha hija jekk dan l-istat ta' fatt jintitolax lill-attriċi illi tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgħ de quo u tieħu rifużjoni tal-flus li ħallset jew le.

Illi ħareġ ċar mix-xhieda prodotta illi s-soċjetà intimata ppruvat tirrimedja d-difetti lamentati u ddikjarat illi għadha lesta illi tbiddel l-bibien tal-gwardarobba li rriżultaw difettużi. Illi skond l-artiklu 75(1) tal-Kap. 378, "il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjhom, f'kull każ bla ebda ħlas."

Inoltre l-artiklu 76(1)(a) tal-Kap. 378 jiddisponi illi :

> **76.** (1) Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –
>
> *(a)* meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

Dana jfisser illi l-attriċi kellha fl-ewwel istanza, titlob ir-rimedjar tal-oġġett difettuż u jekk tali rimedjar ma jkunx possibli, titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ. Mill-provi rriżulta illi għalkemm sar tentattiv ta' rimedjar, dana t-tentattiv ma tax ir-riżultati mixtieqa. Madankollu, is-soċjetà intimata offriet illi tagħmel tentattiv ieħor ta' rimedjar tal-bibien lamentati u anke illi tirrimpjazzahom. L-attriċi rrifjutat dawn l-offerti u t-Tribunal ma jistax ma jieħux in konsiderazzjoni l-asserzjoni tas-soċjetà intimata,li ma ġietx kontradetta, illi l-attriċi riedet bidla kompleta fil-kamra tas-sodda għax xtaqet waħda ta' kulur differenti.

Għaldaqstant, it-Tribunal hu tal-fehma li ġjaladarba l-attriċi ostakolat ir-rimedjar jew ir-rimpjazzar tal-oġġetti difettużi, hija ma tistax tittenta b'suċċess l-azzjoni għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ. Dana multo magis meta d-difett lamentat kien f'oġġett wieħed minn sett ta'kamra tas-sodda.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad t-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.